# IL-ĦADD LI ĠEJ

Nhar il-Ħadd li ġej, 26 ta' Novembru jaħbat l-aħħar Ħadd tas-sena liturġika li qegħdin fiha. Fl-aħħar Ħadd niċċelebraw il-festa ta' Kristu Sultan. Ġesù Kristu huwa ċ-ċentru tal-ħajja tagħna. Huwa s-Sultan li f'idejh inħallu kollox. Inħalluh imexxina.
F'dinja fejn ħafna donnhom ma sabux l-identità tagħhom, fejn ħafna jixtiequ jiċċaraw it-triq li jridu jimxu, kemm ikun ta' għajnuna li wieħed iserraħ fuq il-verità li Kristu jħobbna u



jmexxina u jagħtina proġett għall-ħajja kollha tagħna. Ma hemm xejn isbaħ milli nkunu l-ħabbara tal-imħabba li għallimna Kristu.
Wieħed Lhudi mar jistaqsi lil ieħor għaref, "Kif nagħrfu li għadda l-lejl u beda jżernaq?" L-għaref wieġbu, "Il-jum ikun beda meta f'kull bniedem li jiġi quddiemek tagħraf li huwa u hija huma lkoll ħutek."

Infakkarkom li l-Ħadd 26 ta' Novembru se jkollna t-trasport fit-3:15pm għax-Xewkija għaċ-ċelebrazzjoni li ssir hemm u li tibda fl-4:00pm. Inkitbu fl-Uffiċċju Parrokkjali.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

## Avviżi:

**IL-KALENDARJU 2024:** f'dawn il-jiem li għaddew, bdejna nqassmu l-kalendarju tal-2024. Il-kalendarju tas-sena d-dieħla fih riproduzzjonijiet ta' ritratti li ttieħdu madwar 100 sena ilu. In-negattivi ta' dawn ir-ritratti jinsabu fl-arkivju tal-parroċċa. Nissuġġerixxu li tixtru xi kopji biex tibagħtuhom lill-għeżiez tagħkom tas-safar. Tistgħu takkwistaw kopja tal-kalendarju mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**FESTA TA' KRISTU RE:** fl-okkażjoni tal-festa ta' Kristu Re, it-tfal tal-Years 5, 6 u 7 ser ikollhom ċelebrazzjoni fil-knisja tax-Xewkija. It-tluq ikun fl-3:45pm minn ħdejn iċ-Ċentru Parrokkjali u ċ-ċerimonja tispiċċa għall-5:15pm. It-tfal huma mitluba li jġibu magħhom maktur abjad jew blu u kuruna tar-Rużarju.
Dawk it-tfal li se jattendu huma mitluba biex jagħtu isimhom lill-katekista sa mhux aktar tard mit-Tlieta 21 ta' Novembru.

**IŻ-ŻGĦAŻAGĦ TAĊ-ĊENTRU:** ser jorganizzaw Rock Mass mill-ġdid f'jum iż-żgħażagħ li jaħbat propju fi Kristu Re. Kulħadd huwa mistieden jiġi jipparteċipa għal din il-quddiesa. Tibda fil-11:00am fil-Bażilika.

*When we are young, our mental stability depends on our home's and parents' stability. When we grow up, that mental stability starts to depend on the environmental stability.*

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am